



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10316/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0116(NLE)

AVIATION 89
ICAO 19
RELEX 707

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt UE-ICAO, rigward id-Deċiżjoni dwar l-adozzjoni ta' Anness IV, dwar il-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika, u l-appoġġ għall-implimentazzjoni, tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Komitat Konġunt UE-ICAO,
rigward id-Deċizzjoni dwar l-adozzjoni ta' Anness IV,
dwar il-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika,
u l-appoġġ għall-implimentazzjoni, tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali
li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (“il-Konvenzjoni ta’ Chicago”) li tirregola t-trasport internazzjonali bl-ajru, daħlet fis-seħħ fl-4 ta’ April 1947. Din stabbiliet l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO). L-Istati Membri tal-Unjoni huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni ta’ Chicago u huma membri tal-ICAO.
- (2) Il-Memorandum ta’ Kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-ICAO li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msahħa¹ (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ il-“Memorandum ta’ Kooperazzjoni”) daħal fis-seħħ fid-29 ta’ Marzu 2012.
- (3) Skont il-Memorandum ta’ Kooperazzjoni, il-Kumitat Konġunt stabbilit fih jista’ jadotta annessi tal-Memorandum ta’ Kooperazzjoni.
- (4) Fil-laqgħa li jmiss tiegħu, il-Kumitat Konġunt UE-ICAO huwa mistenni jadotta deċiżjoni dwar l-adozzjoni ta’ Anness IV tal-Memorandum ta’ Kooperazzjoni, dwar il-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika, u l-appoġġ għall-implimentazzjoni. Dak l-Anness IV għdid għandu jipprovdi għall-istabbiliment ta’ djalogu regolari dwar il-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika u l-attivitajiet ta’ appoġġ għall-implimentazzjoni, inkluż attivitajiet ta’ taħriġ, fl-oqsma koperti mill-Memorandum ta’ Kooperazzjoni, bil-ħsieb li jinkisbu sinerġiji u, meta jkun xieraq, li jiġu kkoordinati dawk l-attivitajiet.

¹ ĠU L 232, 9.9.2011, p. 2.

- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-adozzjoni tal-Anness IV il-ġdid dwar il-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika, u l-appoġġ għall-implimentazzjoni, billi tiġi appoġġata l-adozzjoni tiegħu, peress li ser ikun vinkolanti għall-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt UE-ICAO, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Anness IV ġdid, dwar il-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika, u l-appoġġ għall-implimentazzjoni, tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni, skont l-Artikolu 7.3(c) tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt UE-ICAO, meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
